

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

1.12.2008

B6-0622/2008

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

impressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Tobias Pflüger u Willy Meyer Pleite

f'isem il-Grupp GUE/NGL

dwar il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-trasferimenti tal-armi – in-nuqqas min-naħa tal-Kunsill li jadotta Pożizzjoni Komuni u jibdel il-Kodiċi fi strument li jorbot legalment – il-ħtieġa li tiġi kkontrollata s-senserija fil-bejgħ tal-armi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-trasferimenti tal-armi – in-nuqqas min-naħa tal-Kunsill li jadotta Pożizzjoni Komuni u jibdel il-Kodiċi fi strument li jorbot legalment – il-ħtieġa li tiġi kkontrollata s-senserija fil-bejgħ tal-armi**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. Billi fl-2008 l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Unjoni Ewropea dwar l-Esportazzjoni tal-Armi ċelebra l-10 anniversarju tiegħu,
- B. billi iktar minn sentejn ilu, fit-30 ta' Ġunju 2005, il-COARM (Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Armi) qabel fuq livell tekniku dwar it-test ta' Pożizzjoni Komuni wara proċess bir-reqqa sabiex il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-Trasferimenti tal-Armi jiġi rivedut bil-għan li l-Kodiċi jinbidel fi strument effiċjenti għall-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi mit-territorju tal-UE u minn kumpaniji fl-UE,
- C. billi sadanittant l-UE saret l-akbar esportaturi ta' armi fid-dinja,
- D. billi l-armi esportati mill-Stati Membri tal-UE qed jintużaw f'diversi reġjuni tad-dinja biex jinkisru d-drittijiet tal-bniedem u biex jiġu miġġielda l-gwerer,
- E. billi bl-adozzjoni ta' din il-Pożizzjoni Komuni l-Kodiċi ser isir strument għall-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi li jorbot legalment lill-Istati Membri kollha tal-UE,
- F. billi, minkejja diversi appelli, il-Kunsill, mill-2005 'l hawn, naqas li jadotta din il-Pożizzjoni Komuni fuq livell politiku, biex b'hekk din il-kwistjoni baqgħet mhix solvuta,
- G. billi din il-kwistjoni saret aktar urġenti minħabba numru ta' żviluppi:
  - kien hemm diversi inizjattivi sabiex jiġu armonizzati l-politiki nazzjonali dwar l-akkwist tal-armi kif ukoll it-trasferimenti u l-bejgħ intrakomunitarji tal-armi;
  - kien hemm tiġdid ta' interess biex jiġi kkontrollat l-impatt tas-senserija fil-bejgħ tal-armi, b'mod partikulari mid-dħul fis-seħħ tar-regolamenti tas-sikurezza tal-ajru tal-UE dwar l-attivitàjiet ta' operaturi tal-ġarr tal-merkanzija bl-ajru,
- 1. Itenni bil-qawwa l-kritika tiegħu dwar l-intopp politiku attwali rigward in-nuqqas ta' adożzjoni ta' din il-Pożizzjoni Komuni, fid-dawl tal-għaxar anniversarju tal-Kodiċi;
- 2. Ihegġegħ lill-Presidenza Franċiża tal-UE biex issolvi l-kwistjoni billi tagħmel żgur li l-Pożizzjoni Komuni tkun adottata qabel tmiem il-Presidenza tagħha;
- 3. Ihegġegħ lil dawg l-Istati Membri ta' l-UE li huma kontra li jkun hemm Kodiċi ta' Kondotta li jkun jorbot legalment sabiex jerġgħu jikkunsidraw il-pożizzjoni tagħhom;
- 4. Huwa mħasseb dwar iż-żieda kontinwa ta' esportazzjonijiet ta' prodotti ta' użu doppju

mill-Istati Membri tal-UE;

5. Itenni li, b'mod parallel mal-adozzjoni tal-Pożizzjoni Komuni, fost oħrajn għandhom jittieħdu l-miżuri li ġejjin:
  - (a) li jiġu evitati trasferimenti irresponsabbli ta' armi permezz ta' l-applikazzjoni stretta tal-kriterji tal-Kodiċi kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-forzi armati nazzjonali;
  - (b) li jitjiebu u jiġu applikati l-kontrolli fuq is-senseriji; li jiġi evitat it-traffiku illegali tal-armi bl-ajru u bil-baħar;
  - (c) li minnufih jinbeda s'fharriġ dwar l-allegazzjonijiet reċenti ta' ksur tal-embargos tal-armi;
  - (d) li jiġi evitat li jsir bejgħ lil sensara privati ta' armi miġbura matul operazzjonijiet tal-ESDP u l-SSR u matul inizjattivi oħra tal-UE, u t-trasferiment sussegwenti tagħhom lejn reġjuni ta' kunflitt jew tensjoni vjolenti;
  - (e) li jittejjbu t-trasparenza u l-kwalità tad-data ppreżentata mill-Istati Membri tal-UE fil-kuntest tar-Rapport Annwali dwar il-Kodiċi ta' Kondotta;
6. Jappella sabiex tintemm l-esportazzjoni ta' armi mill-UE;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali kollha tal-Istati Membri.